MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 2448/1996/1

**Agius Agricultural Trading Limited**

**v.**

**Concorde International Freight Forwarders Ltd**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**
**IC-CITAZZJONI ATTRICI**

1. Permezz ta’ citazzjoni pprezentata fil-25 ta’ Lulju 1996, is-socjeta` attrici talbet lill-Prim Awla tal-Qorti Civili tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallasha d-danni

inkorsi minnha, kemm dawk attwali kif ukoll telf tal-profitt, konsegwenti n-nuqqas ta’ din ta’ l-ahhar li tesegwixxi skond is-sengha u l-arti l-inkarigu moghti lilha mis-socjeta` attrici ghat-trasport ta’ kwantita` ta’ pjanti tal-frawli mill-Italja ghall-Malta, u specifikatament talbitha biex

i) tiddikjara li s-socjeta` konvenuta naqset li tesegwixxi l-inkarigu moghti lilha skond is-sengha u l-arti u li ghalhekk hija tenuta taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici;

ii) tillikwida d-danni kollha dovuti lilha; u

iii) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallasha l-ammont hekk likwidat.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA` KONVENUTA</u>**

2. Is-socjeta` konvenuta opponiet dawn it-talbiet u eccepiet illi:

i) tali talbiet kienu infondati fil-fatt u fid-dritt;

ii) li l-attur [recte: is-socjeta` attrici] kien jaf bir-riskji li kien hemm f’dan it-trasport u kienet s-socjeta` attrici li insistiet mas-socjeta` konvenuta biex twassal din il-merkanzija anke jekk hija ma riditx taghmel dan it-trasport, pero` kien gie miftiehem li l-konvenuta ma kenitx responsabbli ghall-hsarat li setghu jinqalghu minhabba n-natura tal-merkanzija. Infatti, is-socjeta` konvenuta kienet infurmat lis-socjeta` attrici li ma kenux attrezzati bil-makkinarju adegwat ghall-gar ta’ dan ix-xoghol pero` l-attrici kienet insistiet illi x-xoghol iggibu s-socjeta` konvenuta, b’dan li r-riskju zzommu s-socjeta` attrici;

iii) wahda mill-kundizzjonijiet tat-trasport tal-merkanzija in kwistjoni kienet li jekk il-merkanzija tinnecessita` refrigeration dan ghandu jigi indikat mill-kummercjant lis-socjeta` konvenuta bil-miktub. Is-socjeta` attrici izda qatt ma ghamlet dan bil-miktub u ma tat ebda istruzzjonijiet f’dan ir-rigward, la bil-fomm u lanqas bil-miktub, b’hekk skond il-klawsola 11 f’Dok. A il-konvenuta mhix responsabbli tal-hsarat imsemmija. Dok D u E jindikaw illi “Goods are handled subject to Standard Trading Conditions”;

iv) is-socjeta` konvenuta m’ghandhiex htija li l-container ma giex mghobbi go Livorno, peress li dan gie mwaqqaf mill-Awtoritajiet doganali, u s-socjeta` konvenuta, anke jekk ma kenitx obbligata taghmel dan xorta haznet l-container f’depot bil-friza biex tipprova ssalva l-merkanzija;

v) li hija ma kienet negligenti bl-ebda mod u ma tahtix ghall-hsarat subiti fil-merkanzija. Illi l-hsara grat tort ta’ l-attur u f’kull kaz is-socjeta` konvenuta ma kellhiex kontroll fuq l-akkadut;

vi) kienet is-socjeta` attrici li kienet negligenti peress li minkejja li kienet taf li biex telimina r-riskju, il-merkanzija kellha bzonn trasport fi friza, xorta ma ordnatux – kienet din ir-raguni principali ghall-hsara subita, peress li dewmien minhabba ragunijiet doganali hi haga li tista’ tigri f’kull trasport;

vii) is-socjeta` attrici ghadha debitrici ta’ dan ix-xoghol fl-ammont ta’ LM974.81;

viii) f’’kull kaz, skond l-Artikolu 23 tas-CMR Convention li tahtu taqa’ din il-merkanzija u taht il-klawsola 28A ta’ Dok A, il-konvenuta hija responsabbli limitatament kif jinghad.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B’decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta’ Ottubru 2002, il-Qorti cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u laqghet it-talbiet tas-socjeta` attrici, billi ddikjarat “li s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici billi naqset li tesegwixxi l-obbligi taghha skond is-sengha u l-arti u bhala konsegwenza kkawzat hsara fil-merkanzija tas-socjeta` attrici”, konsegwentement illikwidat id-danni fis-somma ta’ sebat elef seba’ mija u disghin lira Maltin u sebgha u tletin centezimu u kkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici dan l-ammomt bl-imghax legali u bl-ispejjez.

**L-APPELL TAS-SOCJETA` KONVENUTA**

4. Is-socjeta` konvenuta hassitha aggravata b'din is-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-ewwel grad u ghalhekk hija interponiet appell minnha fuq ghadd ta' aggravji li, in succint, jikkonsistu fis-segwenti:

(i) li l-ewwel Qorti skartat ghal kollox u ma tatx decizjoni dwar it-tielet eccezzjoni sollevata min-naha taghha;

(ii) li meta l-ewwel Qorti giet biex tikkunsidra l-element tar-riskju involut fit-tragitt tal-merkanzija <u>de quo</u> (kunsinna ta' frawli), hija ghamlet apprezzament hazin ta' dan l-element kemm minn punto di vista ta' dritt kif ukoll ta' fatt. Skond hi, dan ir-riskju kien jispetta lis-socjeta` attrici, oltre li l-ewwel Qorti lanqas biss qieset sew l-ezistenza ta' l-obbligi kuntrattwali li johorgu mill-iStandard Trading Conditions, u li s-socjeta` appellanti ma setghet qatt tinzamm b'xi mod responsabbli ghall-akkadut;

(iii) li hija wettqet l-inkarigu moghti skond l-arti u s-sengha, li d-dewmien li sehh fit-trasport tal-frawli ma kienx attribwibbli lilha;

(iv) li dwar id-danni, l-ewwel Qorti kienet skorretta fir-rigward tal-<u>quantum</u>, li mhux biss ma giex ippruvat sufficjentement mis-socjeta` appellata, imma li kellhom japplikaw ghall-kaz ir-regoli tas-CMR;

(v) li x-xoghol u t-tragitt kien kopert bir-regoli tas-CMR u kwindi l-appellanti ma jistghux ikunu tenuti, se mai, ghal aktar mis-somma ta' 8.33 SDR ghal kull kilo ta' piz gross tal-merkanzija mitlufa, misruqa jew iddanneggjata, u dan meta bhala medja, il-valur tal-SDR huwa ta' LM4.66 kull kilo misjub nieqes jew iddanneggjat;

(vi) li s-socjeta` appellanti lanqas kienet thallset ta' dan it-trasport u ghalhekk, bi tpacija, kellu f'kull kaz jitnaqqas l-ammont ta' LM974.81 minn kwalsiasi ammont li talvolta jirrizulta li kien dovut;

(vii) li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta rriteniet li l-fatt li s-socjeta` konvenuta kienet kwazi lesta li taccetta li tilhaq ftehim mas-socjeta` attrici juri li hija kienet qeghda taccetta u tassumi r-responsabbilita`. Dan apparti l-fatt li f'din it-transazzjoni, is-socjeta` attrici dehret lesta li taccetta l-ammont ta' LM2,000 in linea ta' danni.

Talbet ghalhekk is-socjeta` konvenuta appellanti:
(i) ir-revoka tas-sentenza appellata; u fin-nuqqas

(ii) ir-riforma taghha billi jigi ridott il-quantum tad-danni.

**IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TAS-SOCJETA` ATTRICI**

5. Min-naha taghha, is-socjeta` attrici wiegbet li l-aggravji tas-socjeta` konvenuta kienu fis-sustanza "riproposizzjoni" ta' l-argumenti gia` avanzati quddiem l-ewwel Qorti, li gew debitament mistharrga u michuda. Issostni li s-sentenza appellata kienet wahda gusta u kellha tigi kkonfermata. Oltre dan, is-socjeta` attrici ressqet l-argumenti taghha biex tirribatti ghal kull lanjanza msemmija mill-kontroparti appellanti biex turi l-ghala l-appell odjern ghandu jigi michud.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

6. L-appell tas-socjeta` Concorde International Freight Forwarders Limited jinvesti kemm il-kwistjoni tar-responsabbilita` kif ukoll l-quantum tad-danni likwidati mill-ewwel Qorti. Dawn l-aggravji sejrin jigu trattati fl-ordni kif proposti mis-socjeta` appellanti.

7.1 L-ewwel lanjanza tas-socjeta` appellanti tirrigwarda t-tielet eccezzjoni mqajma minnha ghaliex issostni li l-ewwel Qorti ma ddecidietx dwar din l-eccezzjoni taghha fejn hija kienet eccepiet,
"Illi wahda mill-kondizzjonijiet tat-trasport provdut mill-konvenuti hu illi jekk il-merkanzija jinhtiegilha li tkun *refrigerated* dan ghandu jigi indikat mill-kummercjant lill-konvenuti bil-miktub (Dok A Klawsola 11) - jirrizulta illi l-attur fl-ebda mument ma informa bil-miktub lill-konvenut li l-merkanzija kien jinhtiegilha tkun refrigerated u ma ta

ebda struzzjonijiet f'dan ir-rigward la bil-fomm u lanqas bil-miktub u ghalhekk il-konvenut mhux responsabbli ta' hsarat rizultanti minn tali nuqqas; b'hekk la l-attur naqas milli josserva dawn il-kundizzjonijiet il-konvenut skond l-istess klawsola mhux responsabbli tal-hsarat imsemmija; Dok D u E jindikaw illi "Goods are handled subject to Standard Trading Conditions"

Issostni li dan in-nuqqas min-naha tas-socjeta` attrici jezentaha minn kwalunkwe responsabbilita` peress li tali *refrigeration* tista' ssir f'diversi temperaturi u f'kaz li t-temperatura wzata ma tkunx idoneja l-merkanzija xorta tigi danneggata. Tillanja li din il-klawsola kontenuta fl-iStandard Trading Conditions tas-socjeta` hija importanti hafna ghaliex hi m'ghandhiex trasport refrigerated u meta ssir talba bil-miktub hija taghmel arrangament ma' sub-kuntratturi sabiex it-trasport isir bi trasport imkessah. Is-socjeta` attrici, izda, riedet tiffranka u ghazlet li tiehu r-riskju u tuza trasport ordinarju li s-socjeta` appellanti setghet toffri f'dak il-waqt, ghaliex kienet giet infurmata li s-socjeta` appellanti ma kellhiex trailers biex taghmel *refrigerated transport*.

Tissottometti li l-ewwel qorti ma qisitix l-obbligi u d-drittijiet li jemanu mill-iStandard Trading Conditions, u li hija ma setghetx tiskarta l-ezistenza ta' dan il-ftehim jew tbiddel obbligi kuntrattwali li huma cari.

7.2 Is-socjeta` appellata, min-naha taghha, issostni li l-lanjanza li l-appellanti mhux responsabbli ghall-hsara ghaliex is-socjeta` appellata ma osservatx id-dettami ta' l-Artikolu 11 ta' l-iStandard Trading Conditions huwa kwazi vessatorju. Izzid tghid li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti "in bona fede" u s-socjeta` Concorde International Freight Forwarders Limited ma tistax tinheba wara din l-iskuza meta fl-istess nota ta' l-eccezzjonijiet taghha tammetti li kienet taf li l-merkanzija kienet tehtieg kontroll fit-temperatura u madankollu accettat it-trasport. Tissottometti li l-iskop wara dan l-artikolu hu li l-vettural ikun infurmat meta l-merkanzija li jkun qed igorr tirrikjedi kontroll ta' temperatura. Fil-kaz odjern ma kien hemm l-

ebda malintiz u l-appellanti kienet taf x'kienet in-natura tal-merkanzija qabel ma ghamlet dan it-trasport u b'hekk in-notifika bil-miktub hija superfluwa.

Skond hi, l-ewwel Qorti trattat din l-eccezzjoni u kkonkludiet illi tali obbligu kien gie inkluz biex it-trasportatur ikun jista' jiehu l-passi xierqa kollha biex jaqdi dmiru u li mill-provi rrizulta li s-socjeta` attrici kienet qdiet l-obbligu taghha, ghax is-socjeta` konvenuta kienet taf x'tip ta' merkanzija kienet se ggorr u kienet taf li tali merkanzija kienet tirrikjedi mezzi adegwati ta' trasportazzjoni jew zmien qasir fit-tragitt.

7.3 Minn ezami tas-sentenza appellata jirrizulta li dan l-aggravju mhux fondat. Fid-decizjoni taghha, l-ewwel Qorti gabret id-diversi eccezzjonijiet dwar ir-responsabbilita` tas-socjeta` appellanti ghad-danni kagunati lill-merkanzija fi tlett paragrafi. Minn qari ta' dawn il-paragrafi (fol. 5-6 tas-sentenza) ma jidhirx illi tali eccezzjoni giet imsemmija espressament, izda dan ma jfissirx illi dan l-ilment, imqajjem mis-socjeta` appellanti fin-nota ta' eccezzjonijiet taghha ma giex trattat mill-Qorti ta' l-ewwel grad. Dik il-Qorti, fil-konsiderazzjonijiet taghha, wara li spjegat li l-vettural kien obbligat li jissalvagwardja l-merkanzija fl-istat li kienet fih meta l-merkanzija giet fdata lilu u li mill-mument li l-merkanzija tghaddi ghand it-trasportatur sid il-merkanzija ma kienx mistenni li jippartecipa fil-preparament tat-tragitt jew il-modalita` ta' kif it-tragitt ser jigi esegwit, rriferiet ghall-obbligu li kellu sid il-merkanzija – ossija, li dan ta' l-ahhar kien obbligat li jinforma lit-trasportatur bin-natura tal-merkanzija u bil-prekawzjonijiet mehtiega fil-kaz tan-natura partikolari tal-merkanzija li tkun se tingarr. Kif sewwa ssottmettiet is-socjeta` appellata, il-Qorti ddecidiet illi "Mill-provi prodotti jirrizulta dan l-obbligu li s-socjeta` attrici qdietu billi l-konvenut kien jaf x'tip ta' merkanzija kien se jittrasporta u kien ukoll konxju mill-fatt li din hija merkanzija delikata li jew tirrikjedi mezzi adegwati bhal "container" refrigerat, jew zmien qasir fit-tragitt." Minn dan il-kliem jirrizulta car li l-Qorti ta' l-ewwel grad ezaminat it-tielet eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, appellanti odjerna, u ma qablitx ma' dak li kien gie eccepit, ghax wara ezami tal-provi prodotti l-Qorti

kienet konvinta li s-socjeta` attrici kienet diga` infurmat lis-socjeta` konvenuta bin-natura partikolari tal-merkanzija li kienet se tingarr. Tali fehma m'ghandhiex tigi distrubata leggerment ghaliex kif gie ritenut konstantement mill-Qrati nostrana, l-Qorti ta' l-Appell qajla tiddisturba l-apprezzament u l-evalwazzjoni tal-provi maghmula mill-Qorti ta' l-ewwel grad, hlief biss f'kazijiet serji fejn ikun car li jekk dan ma jsirx kienet se tigi kommessa ingustizzja manifesta.

7.4 Inoltre jigi wkoll rilevat illi fil-kaz odjern il-partijiet kontendenti t-tnejn jaqblu li l-ftehim kien jirrigwarda trasport f'kontenitur normali u mhux f'wiehed rifrigerat u ghalhekk l-obbligu li s-socjeta` attrici taghti dan l-avviz bil-miktub skond l-Artikolu 11 ta' l-iStandard Trading Conditions ma jiccentrax. Ghalhekk is-socjeta` appellanti ma tistax tipprova teludi l-obbligi taghha billi tipprova tinheba wara dak provdut mill-Artikolu 11 – dan meta, kif sewwa osservaw l-appellati fir-risposta ta' appell taghhom, is-socjeta` stess tammetti, fit-tieni eccezzjoni taghha, illi hija kienet taf in-natura tal-merkanzija li kienet se tingarr minnha, mill-Italja lejn Malta.

8.1 Imiss issa li jigu trattati t-tieni u t-tielet aggravji tas-socjeta` appellanti li huma konnessi flimkien u ser jigu trattati f'daqqa. Is-socjeta` appellanti tilmenta li s-socjeta` attrici kienet taf li hija ma kellhiex trasport rifrigerat u li seta' jkun hemm dewmien u b'danakollu hija xorta insistiet illi t-trasport isir mill-appellanti bit-trasport taghha u strahet fuq l-isperanza li l-merkanzija tasal fiz-zmien utli u issa ghandha terfa' r-riskju ta' dak li gara. Tillanja li l-Qorti invertiet il-logika li tohrog mill-fatt illi r-riskju fuq l-oggett huwa tas-sid kif jipprovdi l-Artikolu 1029 tal-Kodici Civili. Inoltre zzid li l-Qorti ma kenitx korretta meta qalet li d-dewmien kien htija ta' l-agenti ta' l-appellanti, billi d-dokumenti ma kellhomx it-timbri mehtiega jew kienu f'post fejn mhux suppost. Tghid li t-timbri kollha hemm kienu u li l-merkanzija giet Malta bl-istess dokumenti. Fit-tielet aggravju taghha zzid tghid li hija kienet wettqet xogholha skond l-arti u s-sengha u li d-dewmien ma kienx tort taghha, izda kien accidentali. Tissottometti li x'hin saret taf bl-akkadut, peress li ma kellhiex esperjenza tax-xoghol

kienet talbet lil Agius jaghtiha t-temperatura adegwata, haga li kellha l-obbligu taghmel is-socjeta` attrici ai termini ta’ l-Artikolu 11 ta’ l-iStandard Trading Conditions. Tikkonkludi billi tghid li l-attrici ghazlet it-tip ta’ trasport, minkejja li Tonio Bone fetah ghajnejn l-atturi bir-riskju li kienu se jiehdu, li dwaru kienet tifhem biss is-socjeta` appellata – u ghalhekk is-socjeta` appellanti qaghdet fuqhhom. B’hekk issa s-socjeta` appellata ma tistax tezimi ruhha mill-konsegwenzi tar-riskju li hadet.

8.2 Min-naha taghha s-socjeta` appellata tissottometti li dan l-argument mhux sostenibbli ghax jinverti d-distribuzzjoni ta’ l-obbligi u drittijiet bejn il-partijiet f’kuntratt ta’ trasport. Tispjega li l-partijiet jaqblu illi kieku t-trasport sar fiz-zmien miftiehem it-trasport refrigerat ma kienx se jkun necessarju. Tghid li l-hsara saret ghaliex kien hemm disgwid bejn l-awtoritajiet doganali Taljani u l-agenti tas-socjeta` appellanti. Tispjega li nonostante li Tonio Bone stess ammetta li s-socjeta` appellanti ma kellhiex esperjenza fi trasport ‘refrigerated’, xorta accettat l-inkarigu u konsegwentement hija kienet obbligata skond is-sengha u issa ma tistax tipprova titfa’ r-responsabbilita` fuq l-appellata. L-appellanti kellha tipotizza li seta’ jkun hemm xi dewmien u ghalhekk kellha tiehu l-mizuri preventivi biex dewmien eventwali ma jikkawzax danni u tinforma lill-agenti taghha b’dan. Izda hi mhux talli m’ghamlitx hekk izda damet bosta granet biex taccetta li l-merkanzija tigi ‘refrigerated’ bil-konsegwenza li l-merkanzija saritilha hsara sostanzjali. Izzid ukoll li s-socjeta` appellanti setghet ghazlet li tinheles mill-obbligi taghha unilateralment taht l-Artikolu 20 ta’ l-iStandard Trading Conditions, izda dan ma ghamlitux.

8.3 Illi kif sewwa qalet l-ewwel Qorti s-socjeta` appellanti hija fin-negozju tat-trasport u l-kawza odjerna titratta proprju ftehim li hija kellha mas-socjeta` Agius Agricultural Trading Limited biex igorr kwantita` ta’ pjanti tal-frawli mill-Italja ghall-Malta. Japplika ghalhekk dak provdut mill-Artikolu 1628 et sequitur tal-Kodici Civili, fejn fl-Artikolu 1630 il-legislatur jiddisponi li l-vettural huwa responsabbli ghat-telf tal-haga fdata lilu. L-istess obbligu huwa wkoll inkorporat fl-Artikolu 17(1) tal-Konvenzjoni CMR ossija l-

"Convention Relative au contrat du transport des Marchandises par route". Minn ezami ta' dawn il-ftit disposizzjonijiet johrog car li r-responsabbilita` tal-vettural tibda minn meta l-haga tigi fdata lilu. Dan jidher car mill-kliem uzati fl-artikoli rilevanti. Fl-Artikolu 1630 il-legislatur jipprovdi li, "huma obbligati ghat-telf tal-haga <u>fdata</u> lilhom, u ghall-hsarat li jigru fiha…". Hemm ukoll l-Artikolu 1628 li jiddisponi li, "Il-vetturali bl-art jew bil-bahar ghandhom, dwar il-kustodja u l-hars tal-hwejjeg <u>fdati</u> lilhom…". Huwa ghalhekk inutili l-argument tas-socjeta` appellanti li tibqa' tinsisti li r-riskju kellha terfghu s-socjeta` attrici ghaliex din kienet taf li s-socjeta` appellanti ma kellhiex trasport 'refrigerated' u ghazlet li tiehu r-riskju li l-merkanzija tingieb bit-trasport normali.

8.4 Mill-ftit provi prodotti mill-partijiet kontendenti rrizulta car li l-kontendenti kienu ftehmu dwar trasport mhux mkessah, li t-tnejn jaqblu li kien se jkun idoneju li kieku ma nqalax id-dewmien fid-dwana fl-Italja. Tali dewmien izda, kif sewwa ssottomettiet l-ewwel Qorti, u anke ammettiet is-socjeta` appellanti, mhux xi haga rari u ghalhekk is-socjeta` appellanti jekk kellha xi dubju dwar jekk kenitx se jirnexxielha twettaq il-ftehim mas-socjeta` attrici fiz-zmien qasir miftiehem <u>kien messha ma accettatx l-inkarigu u qalet lis-socjeta` attrici biex issib trasportatur iehor</u>. Minn ezami kemm tal-provi u tad-dokumentazzjoni esebita ma jirrizultax illi s-socjeta` attrici kienet ftehmet ma' l-appellanti li terfa' r-riskju, li l-ligi stess titfa' fuq il-vettural li jkun ha l-kusjodja tal-merkanzija, fuqha.

8.5 Inoltre ghandu jigi wkoll rilevat illi skond l-Artikolu 1628 tal-Kodici Civili l-vettural ghandu, "dwar il-kustodja u l-hars tal-hwejjeg fdati lilhom, l-istess obbligi tad-depozitarju". Ghalhekk bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 1900 u 1132, il-grad ta' prudenza, attenzjoni u diligenza applikabbli fil-kaz tas-socjeta` konvenuta hija dik tal-'bonus pater familias', li ladarba hemm ftehim ghall-hlas, jigu wkoll applikat b'mod aktar sever.

8.6 Jigi rilevat imbaghad li l-obbligu tal-vettural, izda, mhux wiehed assolut u l-ligi fl-Artikolu 1630 tipprovdi ghall-ezoneru. L-artikolu fit-totalita` tieghu jistipula hekk:-

"Huma obbligati ghat-telf tal-haga fdata lilhom, u ghall-hsarat li jigru fiha, meta ma jippruvawx li l-haga ntilfet jew gratilha hsara b'accident jew b'forza magguri u minghajr htija taghhom."

Dan l-ezoneru jinsab anke fil-Konvenzjoni li tipprovdi ghall-ezoneru mir-responsabilita` jekk it-telf, dannu jew dewmien ikun il-konsegwenza, *inter alia* ta' "circumstances which the carrier could not avoid and the consequences of which he was unable to prevent"[1]. Izda f'din is-sitwazzjoni huwa t-trasportatur li ghandu l-oneru li jipprova dan.

Dan il-kuncett ta' *force majeure* jew *cas fortuit* huwa wkoll kodifikat fl-Artikolu 1029 tal-Kodici Civili li jipprovdi li "kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara."

8.7 Is-socjeta` appellanti ghadha tinsisti li l-hsara li giet kagunata lill-merkanzija b'rizultat tad-dewmien kienet accidentali u ma kenitx tort taghha. F'dan ir-rigward tghid li ma kenitx korretta l-ewwel Qorti meta fis-sentenza qalet li d-dewmien kien htija ta' l-agenti ta' l-appellanti ghax id-dokumenti ma kellhomx it-timbri mehtiega jew kienu fil-post fejn mhux suppost. Tinsisti li tant ma kien hemm ebda zball fid-dokumentazzjoni li l-merkanzija dahlet Malta bl-istess dokumentazzjoni minghajr ma dawn kienu mittiefsa. Imbaghad tkompli tissottometti li hija, x'hin saret taf bl-intopp li nqala', mill-ewwel hadet il-prekawzjonijiet necessarji biex ma ssirx hsara lill-prodott, cemplet lis-socjeta` attrici, u talbet lis-Sur Agius jaghtiha t-temperatura li kellha tigi wzata ghall-merkanzina de quo. Tali allegazzjonijiet izda mhux talli ma gewx ppruvati mis-socjeta` appellanti, izda gew kontradetti mix-xhieda prodotti mis-socjeta` attrici. Angelo Agius, li kien Chairman u direttur tas-socjeta`, xehed li Tony, l-iskrivan tas-socjeta` konvenuta kien qallu li l-'container' ma kienx gie mghobbi ghaliex l-agent taghhom kien ghamel it-

[1] Art 17(2)

timbru fuq wara u l-fizzjal ma setax jarah u halla x-xoghol l-art. Dan Tony l-iskrivan qatt ma gie prodott mis-socjeta` appellanti biex jichad din l-allegazzjoni u lanqas gew prodotti xiehda ta' l-agenti tas-socjeta` konvenuta biex jispjegaw x'kien gara dakinhar. Tonio Bone, l-uniku xhud prodott mis-socjeta` konvenuta, semplicement xehed li kienet inqalghet xi problema fid-dokumenti li ghamel l-agent taghhom u fl-opinjoni tal-fizzjal tali dokumenti ma kienux korretti. B'hekk is-socjeta` appellanti ma ppruvatx li d-danni gew kagunati "b'accident jew b'forza magguri u minghajr htija taghhom."

8.8 L-istess jinghad fuq il-prekawzjonijiet li ttiehdu. Skond is-socjeta` appellanti hija mill-ewwel cemplet lis-socjeta` appellata biex din taghtiha t-temperatura necessarja biex ma tigix danneggata l-merkanzija. John Agius jikkontradixxi dan u jghid li hu kien talab lis-socjeta` konvenuta biex issiblu trasportatur iehor izda dan ma sarx. Izid jixhed li Bone ma kienx laqa' mill-ewwel is-suggeriment tieghu biex il-merkanzija tiddahhal f'refrigeration u x-xoghol sal-Hamis kien ghadu fil-port (ara fol. 54 tal-process).

8.9 Dawn iz-zewg aggravji ghalhekk huma infondati ghaliex is-socjeta` konvenuta ma ssodisfatx il-piz tal-prova u ghadha tinzamm responsabbli ghall-hsarat.

9.1 Ir-raba' u l-hames aggravji tas-socjeta` appellanti jikkoncernaw il-likwidazzjoni tad-danni. L-ewwelnett is-socjeta` appellanti tghid li l-ammont ta' LM7,790.37c likwidat mill-ewwel Qorti huwa esagerat u huwa bazat fuq prospett, Dok JA (fol. 57) maghmul mis-socjeta` attrici, b'mod gratwitu u minghajr ma kien hemm l-ebda possibilita` li jigi kkontrollat minnha, ghaliex minkejja li John Agius kien wieghed li jipproduci dokumentazzjoni biex jikkorobora dan il-prospett izda dan qatt ma sar. Tillanja li s-socjeta` attrici messha talbet il-hatra ta' espert biex ikun hemm stima imparzjali tad-danni bhal ma jigri f'kull kaz iehor ta' likwidazzjoni. Tghid li l-Qorti ma kellhiex toqghod fuq prospett "ex parte" u nieqes minn kull prova esterna dwar id-danni u b'hekk ma setghetx takkorda d-danni d-danni kalkolati mill-attrici.

9.2 Tirrileva li s-socjeta` attrici ma gabitx prova dwar it-LM300 li allegatament intefqu sabiex jintaghzlu l-pjanti u dak ta' LM2,004.78c li jirraprezenta l-prezz ta' pjanti mibjugha li allegatament kellhom jigu rimpjazzati. Tghid li kien obbligu tas-socjeta` appellata li tipprova dawn l-ispejjez u tipproduci xiehda dwar il-pjanti rimpjazzati, u mhux kif qalet il-Qorti li donnha attribwiet nuqqas lis-socjeta` appellanti ghaliex skond il-Qorti, din naqset li tfittex bizzejjed permezz tal-kontro-ezami. Tillanja li l-appellata mhux talli ma gabitx l-aqwa prova talli ma gabet l-ebda prova u hija ma kellhiex bzonn tfittex izjed.

Tirrimarka li mid-dokumenti markati D u E rispettivament jirrizulta li minn 148 cartons kien hemm 108 cartons hziena u li minn 136 cartons kien hemm 40 danneggjati, indikazzjoni cara li l-ammont likwidat mill-Qorti ta' l-ewwel grad hu esagerat. Tant l-affarijiet mhumiex cari li l-Qorti qalet li minn konsenja ta' 105 cartons instabu 108 cartons danneggjati.

9.3 Is-socjeta` appellata tirribatti billi tirrileva li dawn l-argumenti diga` gew avvanzati quddiem l-ewwel Qorti li skartathom. Tghid ukoll li hawnhekk l-appellanti qed tipprova terga' tiftah l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, li jista' biss jigi varjat ghall-raguni gravi.

9.4 Ikun utli li wiehed jezamina wkoll f'dan l-istadju l-hames lanjanza ta' l-appellanti, ossia li dan ix-xoghol kien kopert bir-regoli tal-Konvenzjoni tas-CMR, u li ghalhekk is-socjeta` ma tistax tkun responsabbli ghall-aktar minn 8.33 SDR ghal kull kilo ta' piz gross ta' merkanzija danneggjata, ghaliex l-iStandard Trading Conditions taghha jillimitaw d-danni subiti ghal dawk kontenuti fis-CMR. Is-socjeta` appellanti tirrimarka li l-piz tal-merkanzija konsenjata hija indikata f'Dok JS u JS1 u porzjon biss minnha giet danneggjata, u ghalhekk is-socjeta` appellata kellha tibbaza ruhha fuq percentwali tal-konsenja shiha. Inoltre, izzid li taht il-Konvenzjoni huwa biss it-telf rizultanti li jithallas u ghalhekk l-ammonti ta' LM300 u ta' LM2,004.78c qatt ma kellhom ikunu inkluzi.

Tissottometti li ghalkemm is-socjeta` appellata fin-nota taghha rreferiet ghall-Artikolu 29 tal-Konvenzjoni u ghal dak li jghid Malcolm Clarke dwar dan l-artikolu, naqset li tghid li l-istess awtur jghid li biex id-dannu ma jkunx kopert mill-Konvenzjoni jrid ikun hemm the "inevitable consequence of *an intentional* act or omission". Telabora li fil-kaz odjern id-dewmien fil-konsenja ma tistax tigi attribwita ghal xi 'international act or omission' tat-trasportatur, u li l-ghazla tat-trasport mhux imkessah saret mill-attrici, li kienet konxja mir-riskji li timporta.

9.5 Ghal dawn is-sottomissjonijiet is-socjeta` appellata twiegeb li l-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni huwa limitat bl-Artikolu 23 li hu inkorporat fl-Artikolu 28A ta' l-iStandard Trading Conditions, fejn taht certu cirkostanzi jithallas l-inqas bejn il-valur tal-merkanzija u '8.33SDRs per gross kilo of cargo weight lost and/or damaged." Pero` ziedet li l-Artikolu 29 jipprovdi li l-vettural ma jistax jibbenfika mid-disposizzjonijiet "which exclude or limit his liability or which shift the burden of proof if the damage was caused by his wilful misconduct or by such default on his part as, in accordance with the law of the court or tribunal seized on the case, is considered as equivalent to misconduct". Wara li jikkwotaw l-awtur Clarke li jghid-
"The carrier of goods by road under the CMR commits wilful misconduct, if he intends loss or damage to the goods. This much is obvious, except that he will be considered to have intended any loss or damage that is the inevitable consequence of an intentional act or omission. Thus, if a carrier agrees to deliver goods by a certain date but then arranges his affairs in such a way that he cannot deliver on time, he can be considered to have intended any consequent loss or damage consequent on late delivery,"

tghid li s-socjeta` appellanti naqset milli tiehu mizuri preventivi necessarji biex jigu evitati d-danni u damet biex hadet mizuri rimedjali. B'hekk ghandha tigi meqjusa li intendiet id-danni u l-Artikolu 23 tas-CMR u l-Artikolu 28A ta' l-iStandard Trading Conditions ma japplikawx. Izzid li hija kienet tat istruzzjonijiet specjali lill-vettural – ossija li l-

gar isir f’4 t’ijiem u s-socjeta` appellanti b’negligenza ma osservatx tali istruzzjonijiet u saret il-hsara.

9.6 Illi fl-ewwel lok jidher li l-iStandard Trading Conditions u r-regoli tal-Konvenzjoni huma applikabbli ghall-vertenza odjerna. Iz-zewg socjetajiet kemm fir-rikors ta’ appell u anke fir-risposta jikkwotaw l-artikoli u l-awtur Malcolm Clarke dwar l-istess Konvenzjoni u fl-ebda waqt ma jikkontendu li din il-Konvenzjoni ma tapplikax ghall-kaz odjern. Inoltre, jirrizulta kjarament mid-dokument AA1 li “hija invoice/notice of arrival” datata 12 ta’ Ottubru 1995[2] li “goods are handled subject to our Standard trading Conditions” u l-Artikolu 28A ta’ dawn il-kundizzjonijiet jinkorporaw parti mill-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni. F’kelma wahda d-danni li ghandha thallas is-socjeta` konvenuta, huma limitati b’dak li hemm provdut fl-Artikolu 28A. Din il-limitazzjoni fil-kwantifikazzjoni tad-danni dovuti ma tapplikax fil-kaz fejn, kif jipprovdi l-Artikolu 29 tas-CMR “the damage was caused by his wilful misconduct or by such default on his part as, in accordance with the law of the court or tribunal seised of the case, is considered as equivalent to wilful misconduct.”

9.7 Issa fil-ligi Franciza “wilful misconduct” huwa konsiderat bhala li jinkludi kemm ‘dol’, kif ukoll ‘faute lourde’. L-awturi Andrew Messent & David A. Glass fil-ktieb “CMR: Contracts for the International Carriage of Goods by Road”[3] meta jitkellmu fuq dan l-artikolu tal-Konvenzjoni jispjegaw illi,
“It would appear that although there is no definite pattern on the matter some European countries tend towards the French view of equating gross negligence with wilful misconduct, at least for the purposes of Art. 29… Where however, there is proof that the carrier committed a deliberate breach of contract which augmented the risk, wilful misconduct is likely to be established. The burden of proof is clearly on the plaintiff.”

[2] fol. 50
[3] second edition 1995 page 211

Aktar tard jikkwotaw il-kaz Horabin v B.O.A.C. li kien jitratta kliem identiku fil-Warsaw Convention fejn Barry J irritjena li

"…in order to establish wilful misconduct, the plaintiff must satisfy you… that the person who did the act knew that he was doing something wrong, and knew it at the time, and yet did it just the same, or alternatively that the person who did the act did it quite recklessly not caring whether he was doing the right thing or the wrong thing, quite regardless of the effect of what he was doing upon the safety of the aircraft and the passengers for which and for whom he was responsible… That…..is…..something quite different from negligence or carelessness or errors of judgement or even incompetence, where the wrongful intention is absent…"

"What characterises conduct as wilful as opposed to negligent is the state of mind of the defendant. If it results from forgetfulness or genuine mistake, then it will amount to negligence. It will only amount to wilful misconduct where he knows and appreciates that it is wrong conduct, or where such is his disregard for the consequences that his conduct must be characterized as wilful"[4]

Aktar 'il quddiem l-awturi jghidu li l-ligi Ingliza, bhal dik Belgjana u Olandiza, titratta *wilful misconduct* u *negligence* bhala kategorija distinti u jghidu li anke *gross negligence* "cannot come within the former".

9.8 Illi minn ezami tal-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta` trasportatrici bhala socjeta` b'bosta snin ta' esperjenza, kienet taf li kien hemm ir-riskju li jkun hemm xi dewmien f'dan it-trasport, bhal f'kull trasport iehor bil-bahar, u dan ghal diversi ragunijiet. Minkejja dan, hija xorta ddecidiet li tiehu l-inkarigu. Hija kienet ftehmet mas-socjeta` attrici li taghmel dan it-trasport f'erba t'ijiem ghaliex f'dak iz-zmien ma kienx se jigri hsara lill-merkanzija – u ghalhekk kienet obbligata li tiehu dawk il-mizuri kollha necessarji biex

[4] pgs 211-212

tipprevjeni l-hsara fil-merkanzija fil-kaz illi tali eventwalita` tinqala`. Dan izda ma ghamlitux u jirrizulta mix-xiehda ta' Tonio Bone stess li kien biss meta gew infurmati li l-merkanzija ma gietx mghobbija li hija kienet ikkuntatjat lill-agenti taghha fl-Italja biex tara x'seta' jsir. Illi inoltre jirrizulta li ma haditx il-passi necessarji biex tirrimedja d-dewmien, u l-merkanzija waslet Malta bosta granet wara dannegjata konsiderevolment. Dan jindika li t-tezi attrici li l-merkanzija damet bosta granet gol-port qabel ma ddahhlet 'go freezing' compound hija versomili. Ghalhekk is-socjeta` attrici ma tistax tapprofitta mil-limitazzjoni tar-responsabilita` li jaghti l-Artikolu 23 tas-CMR u l-Artikolu 28A ta' l-iStandard Trading Conditions.

10.1 Hemm imbaghad l-aggravju dwar il-kwantifikazzjoni tad-danni maghmula mill-ewwel Qorti x'jigi ezaminat.

10.2 Taht dan l-aspett ghandu jinghad li hija korretta l-appellanti meta tghid li ma gewx prezentati ricevuti mis-socjeta` appellata dwar l-ammont totali mhallas minnha ghall-pjanti tal-frawli impurtati minghand zewg fornituri Taljani. John Agius kien ipprometta li jaghmel dan fis-seduta tat-28 ta' April 1998[5] izda qatt ma esebixxa xejn, hlief ghall-prospett Dok JA a fol. 57 u spjega l-kontenut tieghu fl-istess seduta. Inoltre hija wkoll korretta l-appellanti meta tghid li ma ngiebux provi, la permezz ta' xhieda u lanqas permezz ta' dokumenti li gew irritornati lura 137,443 xitla mill-bdiewa li kienu xtraw il-pjanti ta' din il-konsenja. Lanqas giet prezentata xi 'invoice' ghall-konsenja gdida li allegatament kellha timporta s-socjeta` appellata biex tirrimpjazza l-pjanti li gew ritornati minn dawn il-bdiewa.

10.3 Maghdud is-suespost mhijiex pero` korretta is-socjeta` appellanti meta tghid illi l-atturi la riedu lill-Qorti tillikwida d-danni messhom talbu l-hatra ta' espert fil-materja sabiex ikun hemm stima imparzjali tad-danni. Il-fatt li dan l-espert ma tqabbadx ma jfissirx necessarjament li ma jistghux jigu kkwantifikati d-danni. Inoltre kieku tqabbad dan l-espert xorta ma setax jezamina l-pjanti li

[5] fol. 55

gew danneggjati ghaliex dawn waslu Malta fis-16 ta' Ottubru 1995 filwaqt li c-citazzjoni giet intavolata fil-25 ta' Lulju 1996. Finalment jinghad illi s-socjeta` konvenuta, jekk riedet tassew li jigi appuntat espert indipendenti setghet ghamlet talba f'dan is-sens lill-Qorti.

10.4 Skond ma jirrizulta mid-dokumenti D u E, delivery orders mahruga mis-socjeta` appellanti kien hemm 2000 kilo ta' frott li kienu ppakkjati fi 148 cartons u li minn dawn kien hemm 108 iddanneggjati. F'Dok E jirrizulta li kien hemm 1500 kilos ippakkjati fi 136 cartons u li minnhom kien hemm 40 danneggjati (ara fol. 28) F'kelma wahda minn 284 cartons kien hemm 148 danneggjati, ftit aktar min-nofs. John Agius xehed li t-total ta' pjanti impurtati kien ta' 235,400 xitla u li kien hemm 97,957 xitla li twarbu mill-ewwel u 137,443 xitla li hafna minnhom kellhom jigu rimpjazzati u li minhabba f'hekk kellha tingieb partita ohra ta' pjanti. Agius spjega li l-cost tad-97,957 pjanta kien ta' LM3,664 – ossija kull pjanta kienet tiswa 0.0374c u illi li kieku bieghu dawn il-pjanti bil-prezz fis-suq, dak ta' 5c6m, kienu jgibu LM5,485.59c. Agius jghid ukoll li tilfu LM2,004.78c ghaliex kellhom igibu t-tieni partita ta' pjanti biex jaghtuhom lil dawk il-bdiewa li gabu l-pjanti mill-partita danneggjata u li minn din il-partita dahhlu biss LM415.58c. Dwar dan izda, ma ngiebu ebda dokumenti u ghalhekk tali ammont ma ghandux jigi inkluz mad-danni li se jigu likwidati, tenut kont ukoll illi s-socjeta` attrici lanqas tellghet lil hadd minn dawn il-bdiewa biex jixhed. Dwar l-ammont li allegatament intefaq biex jintaghzlu l-pjanti wkoll ma ngiebet ebda prova u ghalhekk l-ammont li ghandu jigi likwidat ghandu jigi varjat ghal LM5,485.59c.

11. Fir-rigward tas-seba' aggravju li jitratta l-kummenti ta' l-ewwel Qorti li l-konvenuti kienu lesti li jilhqu ftehim mas-socjeta` attrici ghandu jinghad li l-proposti ta' transazzjoni normalment isiru bla pregudizzju u bl-ebda mod ma jindikaw li s-socjeta` kienet qed taccetta t-tort. Ghalhekk sakemm ma jkunx irrizulta xort'ohra, kif hu proprju l-kaz in ezami, la ma jsehhx il-ftehim kollox jibqa' fl-istat ta' qabel.

12. L-ahhar lanjanza titratta t-tpjacija bejn is-somma li tirrizulta dovuta u s-somma ta' LM974.81c li skond l-appellanti huwa l-ammont dovut ta' dan it-trasport. Is-socjeta` appellanti tillanja li din kellha ssehh ipso iure u li ma kienx hemm bzonn kontro-talba ghaliex id-dejn kien cert, likwidu u dovut. Kif korrettement iddecidiet l-ewwel Qorti t-tpacija ma tistax issehh ghaliex biex din issir ipso iure irid qabel xejn jirrizulta li z-zewg persuni involuti jridu jkunu debituri ta' xulxin (ara Artikolu 1196 tal-Kap. 16). Hawnhekk is-socjeta` attrici, bil-proceduri odjerni, qeghda ssostni li s-servizz ma kienx gie moghti sewwa, u dan ghalhekk jammonta ghall-kontestazzjoni tas-servizz shih moghti kif ukoll tal-hlas dovut ghal dan it-trasport. B'hekk dan l-aggravju tas-socjeta` appellanti huwa infondat.

Ghal dawn il-motivi, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevoka biss f'dik il-parti fejn ikkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' sebat elef seba' mija u disghin lira u seba' u tletin centezmu (LM7,790.37c) lis-socjeta` attrici u minflok tikkundannaha thallas is-somma ta' hamest elef erba' mija u hamsa u tmein lira u disa' u hamsin centezmu (LM5,485.59c), bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta' l-ewwel sentenza sa' l-effettiv pagament; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Fic-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez, kemm ta' l-ewwel kif ukoll tat-tieni istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------